



## **Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tadatta ruġha sabiex tiggarantixxi l-kontinwità tas-servizz pubbliku Ewropew tal-ġustizzja**

*L-Istituzzjoni tiżgura ż-żamma tal-attivitajiet ġudizzjarji tagħha f'kundest ta' xogħol mill-bogħod iġġeneralizzat*

### **Il-ħtieġa li tadatta ruġha għall-kundest**

Koerentement mal-miżuri adottati mill-awtoritajiet pubbliċi tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu u mill-pajjiżi ġirien, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ddeċidiet li timplimenta **metodu ta' xogħol mill-bogħod iġġeneralizzat mis-16 ta' Marzu 2020**. Sabiex tiproteġi l-persunal u tikkontribwixxi għall-ġlieda kontra t-tixrid tal-coronavirus, il-bini tal-Istituzzjoni ma huwiex aċċessibbli għall-visitaturi u għall-membri tal-persunal, bl-eċċezzjoni tal-persuni msejja li jeżerċitaw funzjonijiet essenzjali.

Fid-dawl tar-restrizzjonijiet tal-ivvjaġġar applikabbli kemm fil-Lussemburgu kif ukoll fil-parti l-kbira tal-Istati Membri, is-seduti għat-trattazzjonijiet orali tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali stabbiliti bejn is-16 ta' Marzu u, rispettivament, it-30 ta' April u l-15 ta' Mejju kellhom jiġu ddifferiti immedjatament. Ir-reġistri taż-żewġ qrati kkuntattjaw lir-rappreżentanti tal-partijiet sabiex jinformawhom b'dawn id-differimenti u jikkomunikawhom l-informazzjoni dwar il-modalitajiet ta' tkompli tal-proċedura. Paġna tas-sit internet tal-Istituzzjoni qegħda tagħti informazzjoni aġġornata f'dan ir-rigward.

Permezz tal-istrutturi u l-proċeduri li kienu ġew stabbiliti għal sitwazzjonijiet ta' kriżi, **ittieħdu l-miżuri kollha sabiex l-attivitajiet tal-qrati u tad-dipartimenti jitkomplew sabiex tiġi ggarantita l-kontinwità fis-servizz pubbliku Ewropew tal-ġustizzja**, f'kundizzjonijiet li jkunu kemm jista' jkun simili għal dawk applikabbli fin-normalità u neċessarjament adattati għaċ-ċirkustanzi eċċezzjonali.

Għalhekk, b'antiċipazzjoni ta' din is-sitwazzjoni, l-inizjattiva sabiex il-persunal jingħata **tagħmir informatiku** li jippermetti x-xogħol mill-bogħod tħaffet sa mill-bidu ta' Frar. Sal-lum, parti kbira ħafna tal-persunal tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tista' tikkontribwixxi mill-bogħod għall-attività tal-Istituzzjoni.

Barra minn hekk, ġew implimentati diversi **modalitajiet**, b'osservanza tar-regoli tal-proċedura applikabbli, sabiex ma jiġix interrott it-trattament tal-kawżi: deċiżjonijiet meħuda permezz ta' proċedura bil-miktub, mistoqsijiet bil-miktub indirizzati lill-partijiet, organizzazzjoni speċifika ta' seduti ta' għoti ta' sentenzi u ta' konklużjonijiet, kundizzjonijiet iffaċilitati għall-ftuħ ta' kont e-Curia (applikazzjoni li tippermetti l-preżentata u n-notifika ta' atti proċedurali b'mod elettroniku).

## Iż-żamma ta' attivitajiet ġudizzjarji

Għalkemm iż-żewġ qradi ddeċidew li jagħtu prijorità lit-trattament tal-kawżi li huma ta' urġenza partikolari (bħall-proċeduri b'urġenza, il-proċeduri mħaffa u l-proċeduri għal miżuri provviżorji), it-trattament ta' kawżi oħra qed isegwi wkoll il-kors tiegħu.

B'hekk, mis-16 ta' Marzu 2020, **inqatgħu 86 kawża mill-Qorti tal-Ġustizzja u mill-Qorti Ġenerali**. Għal raġunijiet ta' organizzazzjoni u ta' prekawzjoni, l-għoti ta' sentenzi u ta' konklużjonijiet sar kollu flimkien, rispettivament mill-President tal-Qorti tal-Ġustizzja u minn Avukat Ġenerali, minn naħa, u mill-President tal-Qorti Ġenerali, min-naħa l-oħra, fid-19 ta' Marzu (6 sentenzi, 5 konklużjonijiet), fis-26 ta' Marzu (23 sentenza, 4 konklużjonijiet) u fit-2 ta' April (22 sentenza, 9 konklużjonijiet). Dawn is-sentenzi u dawn il-konklużjonijiet kienu s-suġġett, mill-bogħod, ta' traduzzjoni, ta' tixrid, ta' pubblikazzjoni u ta' komunikazzjoni skont l-istandards normalment applikati mill-Qorti tal-Ġustizzja u mill-Qorti Ġenerali.

Ġew stabbiliti seduti oħra ta' għoti u ta' qari tal-konklużjonijiet għall-ġimgħat li ġejjin (il-Ħamis għall-Qorti tal-Ġustizzja, l-Erbgħa għall-Qorti Ġenerali) u huma inklużi fil-kalendarju ppubblikat fis-sit internet tal-Istituzzjoni.

Barra minn hekk, **tressqu 52 kawża ġdida** matul l-istess perijodu. Dawn qed jiġu ttrattati mill-bogħod mir-reġistri, li jibqgħu għad-dispożizzjoni tar-rappreżentanti tal-partijiet, u huma suġġetti għal traduzzjonijiet u analiżi ta' trattament legali minn qabel mid-dipartimenti kompetenti, bħad-dokumenti proċedurali tal-kawżi l-oħra kollha pendenti quddiem iż-żewġ qradi.

Fl-aħħar nett, sabiex id-dħul fil-kariga tal-Avukat Ġenerali Richard de la Tour ma jiddewwimx, il-Qorti tal-Ġustizzja żammet **il-ġurament** ta' dan tal-aħħar fid-data inizjalment prevista tat-23 ta' Marzu. L-ċerimonja ġiet eċċezzjonalment organizzata skont modalitajiet mill-bogħod permezz ta' mezzi teknoloġiċi ta' videokonferenza.

\*\*\*

Bl-istabbiliment ta' dawn il-miżuri kollha u permezz tal-impenn tal-persunal kollu tiegħu, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea qegħda tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għat-tkomplija – sa fejn ikun possibbli fid-dawl tas-sitwazzjoni ta' kriżi attwali – tat-twettiq tal-missjoni għas-servizz tal-parti f'kawża fdata lilha skont it-Trattati.

Dak li jkun huwa mistieden isegwi l-attwalità tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali fis-sit CVRIA (<https://curia.europa.eu>) u permezz tal-kontijiet Twitter u LinkedIn tal-Istituzzjoni.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*